MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Numru. 1010/2005

Il-Pulizija
Spettur Silvio Valletta
Spettur Carlo Ellul
vs
Ibrahim El Degwy

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat :

1. talli nhar 6 ta' Novembru 2005, ghall-habta tad-9.00 ta' filghodu gewwa Rabat (Malta) flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta' diversi flus u oggetti tad-deheb minn fond "Utopia" Triq Vincent Ferreri, Rabat (Malta) liema serq hu aggravat bil-mezz, lok u valur li jaccedi l-elf lira Maltin u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261, 263a, 267, u 269 g tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara taccedi l-LM 50 (hamsin

lira Maltin) u li sar ghad-detriment ta' Oliver Vassallo u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 1 b tal-Kap. 5 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Ukoll talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhhom jew imexxihom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tal-15 ta' Marzu, 2006 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :
(a) Fl-Artikoli 261 (b) (c) (e), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 279 (b), 280, 325 (1) (a), 334, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tas-7 ta' April, 2006.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi kif intqal il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tal-Avukat Generali tal-15 ta' Marzu, 2006, kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi r-refurtiva giet mghoddija lid-derubati u rat ukoll illi l-imputat obbliga ruhu waqt is-seduta tas-7 ta' April, 2006 illi kien ser ihallas is-somma ta' hamsin lira lill-konjugi Oliver u Carmen Vassallo, liema somma tirrapprezenta l-ammont ta' hsarat ikkagunati lilhom fir-residenza taghhom. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta. Ghalhekk fic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz il-Qorti mhijiex ser taghti piena ta' prigunerija effettiva, izda wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat misjub hati kif diga intqal ghall-prigunerija ta' sentejn sospiza ghal erba' snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati skond il-Ligi ir-responsabbilita tieghu jekk huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba' snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------